# KBIRNA FLIMKIEN
# L-Iżvilupp Fiżiku ta' Is-Siġġiewi minn 60 sena 'l hawn

Jikteb Pawlu Aquilina

## IT-TIENI PARTI: WARA L-GWERRA

Fis-snin tal-gwerra f'Malta - 1940-1943 - l-iżvilupp fiżiku tar-Raħal u ta' Malta kollha kien waqaf għal kollox. Iżda bilkemm kienet laħqet spiċċat il-gwerra dinjija li ma bediex fostna żvilupp ġdid u ta' kobor enormi. Qiegħed ngħid għar-rikostruzzjoni tal-bini mġarraf bil-bombi matul il-gwerra.

### It-Tiġrif

L-aktar li ntlaqtu u ġġarrfu kienu t-tlitt ibliet tal-Kottonera, l-Isla, Bormla u l-Birgu, kif ukoll il-Belt Valletta, il-Furjana u dawk l-irħula qib l-arjrudrom jew grawnd, illum ajruport, ta' Ħal Luqa.

Fir-Raħal tagħna ftit iġġarraf bini għax ftit ġew bombi fuq djarna. L-ewwel tiġrif seħħ fil-biċċa ta' wara tad-dar numru 8 fi Sqaqa nru. 1, Pjazza San Nikola (is-sqaq *tal-Putes*), fejn kellna l-ewwel vittma tal-gwerra,[1] u f'biċċa mill-Oratorju tas-Sagra Familja, minn kważi nofsu sa l-artal, fil-lejl tal-11 t'April, 1941, li kien nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Erbatax-il xahar wara, fil-15 ta' Ġunju 1942, iġġarrfu żewġt idjar u xi ftit jew wisq dawk ta' maġenbhom. Dawn kienu n-numri 41 u 42 fi Triq Ramija, fejn miet il-kap tad-dar nru. 41.[2]

L-akbar tiġrif li kellna seħħ ġimagħtejn u nofs wara, fit-3 ta' Lulju, 1942, meta ġġarrfu għadd ta' djar bit-twaddib ta' diversi bombi, fosthom *time bombs* jew bombi tal-ħin, fejn Triq tan-Nofs toħroġ ġo Triq Santa Margerita. Kaġun ta' dan mietu b'kollox għaxar persuni.[3]

L-aħħar tiġrif ta' djar li ġarrab ir-Raħal seħħ nhar id-19 ta' Diċembru, 1942, fid-dar nru. 42, Triq tan-Nofs u li ħalla vittma oħra.[4]

Minbarra xi ħsarat 'l hawn u 'l hemm, l-aktar f'soqfa li kienu kollha bix-xorok tal-franka, ħafna minnhom xorok tal-qasba żewġ metri u għaxar ċentimentri), ma ġġarrfux djar aktar fil-gwerra.

### Ir-Rikonstruzzjoni

Ir-rikostruzzjoni tal-bini mġarraf jew bil-ħsara saret bil-għajnuna tal-*War Damage Compensation Fund,* mogħti mill-Ingilterra lil Malta, u li b'kollox kien ta' tnejn u tletin miljun lira sterlina (£32, 000, 000).[5]

Ma' din ir-rikostruzzjoni beda tiela', bil-mod il-mod, bini ieħor ġdid. F'Is-Siġġiewi, l-ewwel triq ġdida li bdiet tifforma ruħha wara l-gwerra kienet in-nofs ta' ġewwa ta' Triq il-Prof. Nerik Vassallo, [6] u li snin wara tniffdet, għax kompliet tinbena minn nofsha 'l barra, ma' tarf Triq il-Mitħna u tarf Triq Blat il-Qamar. Din nistgħu ngħidu li bdiet bil-bini ta' xi djar jew mezzanini mill-imgħallem bejjen Nikola Schembri *(Ta' Rasu)* fuq art propjetà tiegħu. Illum it-triq twalet bil-bini aktar 'il ġewwa u dan l-aħħar ħarġet triq oħra ġdida minnha: Triq it-Tank: iżda min-naħa ta' ġewwa Triq Prof N. Vassallo għadha ma nifdet imkien.

Mal-kisba tas-*Self Government* fl-1947 u fis-snin ta' wara, flimkien max-xogħol tar-rikostruzzjoni ma' Malta kollha, bil-pagi dejjem jitjiebu, il-bini ġdid beda jieħu spinta kullimkien, inkluż f'Raħal Twelidna. B'hekk, f'dawn l-aħħar 40 sena, mill-1950 'il hawn, Is-Siġġiewi, bħal kull raħal ieħor fil-bcraħ f'Malta, ħa nifs kbir, fil-fond u fil-wisa', li qatt

bħalu ma kien ħa fl-istorja twila u antika tiegħu.

**U r-raħal infetaħ. Minn kobba magħluq fiha nnifisha, inħall u tawwal it-toroq qodma ewlenin tiegħu hekk li nfirxu f'toroq ġodda, wisgħin, sbieħ, bi djar u vilel li jiġbdu u jgħaxxqu l-għajn ta' kull min jgħaddi minn quddiemhom.**

**Il-Bidu ta' Żvilupp kbir**

Iżda l-bidu ta' dan kollu kien meta l-Gvern, fl-1948/49, ħa r-raba' ta' *Taħt Ċensijiet* u beda jibni l-iskola l-ġdida - dik li għandna llum - u n-nies bdiet tieħu ċens jew tixtri l-art ta' madwarha biex tibni djar ġodda fejn toqgħod.

Biex jiftaħ triq li, mill-qalba tar-Raħal, tieħu dritt għall-iskola l-ġdida, il-Gvern ta' wara, fl-1951/52, irrekwiżizzjona u waqqa' parti minn żewġt idjar minn Triq Santa Margerita. Din it-triq ġdida llum jisimha **Triq Ħal Niklusi.** B"hekk, l-iskola l-ġdida - għax il-qadima, jew dik tal-pjazza, kienet għadha miftuħa bil-klassijiet tal-bniet u s-sentejn ta' *l-infants* (bniet u subien)[7] - swiet biex ġibdet għal madwarha l-bini ta' ħafna djar ġodda.

Triq il-Mitħna, minn ħdejn it-Tank sal-kantuniera ta' ma' Triq Blat il-Qamar, kienet l-ewwel biċċa li nbniet; imbagħad l-istess bini ġdid dar għal ġot-triq il-ġdida - **Triq it-Tabib Nikola Zammit** - sa ma wasal ħdejn l-iskola u dar ukoll 'il fuq biex ifforma triq oħra ġdida, illum **Triq Ħal Xluq**, ma' ġenb wieħed ta' l-iskola. Dan sar bejn l-1949 u l-1960, meta mbagħad reġa' ngħata ħafna raba', tal-Knisja u/jew privat, b'ċens[8] jew b'xiri għall-bini, kemm matul l-iskola fi Triq it-Tabib Nikola Zammit kif ukoll mal-ġenb tagħha, illum Triq Ħal Niklusi, billi din ta' l-aħħar saret biċċa waħda mal-fergħa ġdida li kienet infetħet fil-bidunett minn ġo Triq Santa Margerita fl-1951/52. Quddiem l-iskola meta nbdiet, issemmiet **Triq l-Iskola**[9], li tmiss ma' Triq Ħal Xluq minn naħa, waqt li min-naħa l-oħra taqsam Triq Ħal Niklusi u toħroġ ġo Triq l-Imdina.

**Wied Ħesri** wkoll hija triq ġdida li toħroġ minn tarf Triq it-Tabib Nikola Zammit u twassal għall-grawnd tal-futbol u Binja Ħersi.

Fil-bidu tal-ħamsinijiet ukoll, l-imgħallem bennej Carmelo Pace *(Ċileqqu)* kien tella' xi djar li bihom bdiet titwal Triq ta' Brija min-naħa ta' wara tal-ġnien ta' Sant Cassia, u kantuniera ma' Sqaq Numru 2, Triq ta' Brija. Dan is-sqaq illum tniffed u sar jagħmel parti ma' Triq Pietru Feliċi.

**Il-Bini f'Ta' Fonzu**

Il-ħeġġa għall-bini kif ukoll il-pagi baqgħu dejjem jiżdiedu, bħal ma żdied il-prezz taċ-ċens u tax-xiri ta' l-art. Is-snin sittin kienu snin ta' attività kbira fil-bini ta' djar. Il-Knisja tat ħafna art b'ċens fl-inħawi Ta' Fonzu - żona kbira ta' raba' li mal-bini tad-djar bdiet tissejjaħ Ta' Fonzu *Estate* - u li mit-tramuntana tmiss ma' Triq il-Fawwara u min-nofsinhar ma' Triq il-Knisja l-Qadima. F'din iż-żona kbira nbnew bosta djar u nfetħu toroq, hekk li llum insibu fiha għaxar ismijiet ta' toroq ġodda, kif ġej:

- **Triq ir-Rebbiegħa** - tgħaqqad għad-dritt Triq il-Fawwara ma' Triq il-Knisja l-Qadima.
- **Triq Lorenzo Gafa** - toħroġ minn ġo Triq il-Fawwara u tispiċċa ma' truf it-toroq Ġ. Delia u N. Pisani.
- **Triq Patri Ġużeppi Delia** - toħroġ minn ġo Triq il-Fawwara u ddur tmiss ma' Triq L. Gafà.

Jaqsmu jew imissu ma' dawn it-tliet toroq insibu:

- **Triq is-Swieqi** - tgħaqqad Triq ir-Rebbiegħa ma' Triq L. Gafà.
- **Triq Ta' l-Għolja** - tgħaqqad Triq L. Gafà ma' Triq Patri Ġ. Delia.
- **Triq Nazzareno Pisani** - bejn Triq ir-Rebbiegħa u Triq L. Gafà.
- **Triq Ta' l-Imwieġel** - li toħroġ minn truf it-toroq P. Ġ. Delia u N. Pisani u tagħqad ma' Triq Lapsi.
- **Triq in-Newba** - tgħaqqad Triq ir-Rebbiegħa ma' Triq id-Demnuq.

- **Triq id-Demnuq**[10] - toħroġ minn ġo Triq il-Knisja l-Qadima u tmiss ma' Triq in-Newba. Mit-tarf ta' fuq, tagħlaq.
- **Triq Dun Pawl Laferla** - tgħaqqad Triq ir-Rebbiegħa ma' Triq l-Imwieġel.

**L-Ewwel Binja Residenzjali tal-Gvern**

Kważi fl-istess żmien ta' din il-binja f'Ta' Fonzu, qrib l-aħħar tas-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet, il-Gvern beda jtella' blokki ta' bini b'appartamenti jew *flats* in-naħa tal-lvant tar-Raħal, u magħhom ukoll għadd ta' *maisonettes*. Dawn insibuhom fil-*Bypass* jew kif issemmiet **Triq Mons. Mikiel Azzopardi.** Għall-bidu, dawn l-appartamenti kienu jintlaħqu minn Triq Ramija u mill-bidu jew tarf Triq il-Kbira, int u sejjer lejn il-Ħandaq u minn xi mogħdijiet jew trejqiet oħra.

Dak iż-żmien, minbarra blokki ta' appartamenti u l-*maisonettes* tal-Gvern, ftit tela' bini ieħor mill-privat. Għalhekk, fis-sebgħinijiet, il-bini bħal qisu trażżan, imma mhux li waqaf għal kollox. Iżda qrib it-tmeninijiet il-bini beda bil-mod jiżdied u kemm fil-*plots* li kien fadal f'Ta' Fonzu kif ukoll fir-raba' ta' madwar il-blokki ta' appartamenti u l-*maisonettes* tal-Gvern, il-privat reġa' ta' spinta għall-bini ta' djaru.

**Aktar bini**

Għal dik il-ħabta wkoll baqgħet titwal Triq it-Tabib Nikola Zammit sakemm waslet tmiss ma' Triq Santa Margerita, wara l-mitħna li hemm fit-tarf tar-Raħal antik. Mhux biss, imma Triq l-Imdina wkoll twalet b'bini ġdid lejn il-Wied tal-Ħersi u, parallela ma' Triq it-Tabib N. Zammit, fuq in-naħa tal-wied, bdiet tikber triq oħra ġdida li ssemmiet **Triq Dun Manwel Zammit.** Mill-punent tagħha, din tinfed ħdejn il-grawnd tal-futbol u tmiss ma' Triq Wied Ħesri. Mil-lvant tagħha għadha magħluqa għalkemm hemm trejqa tikser ġo Triq Papa Pawlu VI. Bejn iż-żewġ toroq ġodda u twal: Triq it-Tabib N. Zammit u Triq Dun M. Zammit, insibu dawn it-toroq ġodda:

- **Triq tal-Providenza,** ħdejn il-bandli.
- **Triq Pietru Felici,** li issa taqsam Triq it-Tabib N. Zammit biex għaqdet ma' dak li kien Sqaq Nru. 2, Triq Ta' Brija.
- **Triq Kirċippu**[11].

Triq ġdida li tgħaqqad Triq it-Tabib N. Zammit ma' Triq Ta' Brija hija **Triq Ħal Kbir,** biswit il-bandli.

Aktar 'l isfel, bejn Triq Santa Margerita u Triq Manwel Zammi, insibu:

- **Triq Papa Pawlu VI** - minn fejn tagħlaq Triq Dun Manwel Zammit titla' taqsam Triq Santa Margerita u twassal għal Triq Mons. M. Azzopardi. Tmiss ukoll ma' Triq l-Għid, maġenb l-appartamenti tal-Gvern.
- **Triq il-Wied** - naħa waħda toħroġ minn ġo Triq P. Pawlu VI u n-naħa l-oħra tikser ġo Triq Dun M. Zammit.

Barra milli fit-trufijiet tiegħu, ir-Raħal kiber ukoll bid-djar fil-ġonna u r-raba' li kellu fil-qalba antika tiegħu. Hekk ġara bejn Triq Ramija u Triq Santa Margerita. Il-ġnien magħruf b'*Ta Hyzler* u ġonna oħra twaqqgħu biex inbnew djar ġodda f'dawn it-toroq ġodda wkoll:

- **Triq il-Qiegħa,** minn ġo Triq Santa Margerita, fejn dari kien hemm sqaq ċkejken ta' San Pawl[12], minħabba l-istatwa żgħira tal-qaddis li kien hemm fuq il-bieb tal-ġnien ġewwa s-sqaq.
- **Triq Pietru Mallia** - minn tarf Triq Ramija, kantuniera ma' Triq Santa Margerita, u tagħlaq.
- **Triq il-Bandla** - minn Triq Pietru Mallia għal ġo Triq Ramija.
- **Triq iż-Żabbarija** - minn Triq Ramija tieħdok għal Triq Santa Margerita minn ġo Triq P. Mallia jew minn ġo Triq il-Qiegħa.

Ta' Kirċippu

Żvilupp kbir ieħor fl-ewwel nofs tat-tmeninijiet kien beda jseħħ fuq il-lvant tal-*Bypass* u n-nofsinhar tagħha u li llum insibuh bl-*Estate* Ta' Kirċippu. Din ukoll hija żona kbira ħafna ta' bini ġdid u sabiħ, fejn insibu dawn it-toroq ġodda:

- **Triq Salvu Borg Olivier** - hekk kif titla' t-telgħa ta' Ħaż-Żebbuġ. Din kienet l-ewwel triq li bdiet titla' hawn għax bikri fil-ħamsinijiet kienet maħsuba biex tibqa' sejra f'għamla ta' pont kbir li jaqsam il-wied (Wied Qirda) għan-naħa l-oħra ta' Ħal Mula, f'tarf Ħaż-Żebbuġ, flok it-telgħa sserrep dejqa u perikoluża li kellna qabel. Minn din it-triq tibda l-Bypass jew Triq Mons. M. Azzopardi.
- **Triq l-Andar** - mill-*Bypass* għal Triq Dun Salv Curso.
- **Triq il-Ħsad** - mill-*Bypass* għal Triq Dun Salv Curso.
- **Triq Ferdinand Hompesch** – mill-*Bypass* għal Triq Dun Salv Curso.
- **Triq Angelo Dorini** - toħroġ minn Triq S. Borg Olivier u tiltaqa' ma' Triq Dun S. Curso u Triq N. Baldacchino.
- **Triq Nicolò Baldacchino** - tarf minnha jmiss ma' Triq A. Dorini; it-tarf l-ieħor jagħlaq.
- **Triq Giacomo Leopardi** - bejn Triq N. Baldacchino u Triq Dun S. Curso.
- **Triq Dun Salv Curso** - l-itwal triq f'din iż-żona u li jmissu magħha jew joħorġu minnha ħafna mit-toroq li qegħdin insemmu.
- **Triq id-Difa** - toħroġ minn Triq Dun Salv Curso u tmiss ma' Triq S. Borg Olivier.
- **Triq il-Muża** - Minn Triq Dun S. Curso u ddur għal Triq in-Nirien. F'nofsha nsibu ċ-Ċentru Santissima Trinità. [13]
- **Triq in-Nirien** - minn Triq Dun S. Curso u ddur għal Triq Karmenu Vassallo.
- **Triq Karmenu Vassallo** - minn Triq Dun S. Curso u tiltaqa' ma' Triq in-Nirien.
- **Triq l-Għid** - in-naħa ta' fuq tal-*Bypass,* minfejn toħroġ u tieħu għal Triq Ramija u Triq Papa Pawlu VI.
- **Triq Ta' Karlozzu** u **Triq Wied Xkora** huma ismijiet ġodda ta' żewġ toroq li jmissu mal-*Bypass,* fil-bidu tat-triq tal-Ħandaq. Dawn iż-żewġ toroq minn dejjem kienu hemm, biss dawn l-aħħar snin inbnew xi dar jew tnejn fihom u ngħataw dawn l-ismijiet.

Aktar Żvilupp mal-*Bypass*

Fit-tmeninijiet ukoll kompliet tiżviluppa l-*Bypass* - Triq Mons. M. Azzopardi - lejn ix-xaqliba ta' Wied iż-Żebbuġi, fin-nofsinhar jew taħt ir-riħ tar-raħal. Dan wassal biex il-bini ltaqa' ma' Triq l-Imqabba - li toħroġ minn fejn tispiċċa Triq il-Knisja l-Qadima u tibda Triq Lapsi - u ma' Triq il-Qrendi.

Jinfetaħ il-Qajjied

Fl-aħħar xpakka Sqaq il-Qajjied, [14] mill-Pjazza tar-Raħal għal ġol-*Bypass,* fuq ir-riħ ta' Wied iż-Żebbuġi. L-għelieqi li kien hemm ma' ġnub il-Qajjied inbnew jew qegħdin jinbnew ukoll. [15]

Dawn it-toroq ġodda nsibuhom f'din iż-żona li semmejna:

- **Triq Ta' Brandin** - minn naħa tibda minn Triq il-Kbira (isfel), tasal sa Wesgħat il-Palazz (taħt il-Palazz ta' Fiefu) fejn tagħlaq imma tkompli titwal min-naħa l-oħra lejn il-Qajjied, kantuniera ma' Triq Nikola Saura.
- **Wesgħat il-Palazz** - tinsab bejn il-biċċtejn ta' Triq ta' Brandin u tidħol għaliha dritt mill-*Bypass*: Triq Mons. M. Azzopardi.
- **Triq Kircher** - toħroġ mill-ewwel biċċa li semmejna ta' Triq Ta' Brandin għal ġol-*Bypass.*

- **Triq il-Qajjied** - flok Sqaq il-Qajjied ta' dari. Toħroġ mill-Pjazza u kantuniera ma' Triq il-Kbira u tispiċċa tmiss ma' Triq Ta' Brandin u tieqaf ma' Triq Nikola Saura.
- **Triq Nikola Saura** - il-biċċa l-ġdida t'isfel ma' Triq il-Qajjied u li toħroġ dritt ġol-*Bypass*.
- **Triq Bari** - minn wara l-Knisja l-Qadima (fejn għad tfiġġ qribha) għal ġol-*Bypass*. F'dawn l-inħawi qegħdin jifformaw toroq ġodda li għadhom mingħajr isem.

F'dan l-iżvilupp kollu li semmejna s'issa ma kienx hemm triq li ma twaletx bil-bini fejn tarf it-triq kien jagħti għal ġo raba' jew ġonna. Hekk ġralha Triq Lapsi sa fuq Ta' l-Imwieġel, Triq il-Fawwara 'l barra, Triq Blat il-Qamar lejn iċ-Ċimiterju,. Triq Prof. N. Vassallo 'l ġewwa, Triq Wied il-Ħesri sal-grawnd tal-futbol, Triq l-Imdina san-niżla tal-Ħesri, Triq Santa Margerita sal-bidu tal-*Bypass* ( jew Triq Mons. M. Azzopardi) u li minnhom ħarġu friegħi oħra ta' toroq ġodda, xi wħud minnhom għadhom bla isem.

Binja Ħesri

L-aħħar żvilupp ta' kobor ġmielu li sar u għadu sejjer huwa dak ta' bejn Triq Blat il-Qmar u l-Wied tal-Ħesri - miċ-Ċimiterju tal-Parroċċa tal-grawnd tal-futbol: Binja Ħesri, *estate* ġdid bi blokki ta' appartamenti jew *flats* tal-Gvern, kif ukoll għadd kbir ta' djar privati fejn l-art ingħatat b'ċens li jinfeda. F'din iż-żona kbira nsibu għaxar toroq ġodda, kważi mibnija għal kollox. Dawn huma:

- **Triq Salvatore Mallia** - tgħaqqad Triq Blat il-Qamar ma' Triq Mons. F. X. Mangion.
- **Triq is-Salib** - tgħaqqad ukoll Triq Blat il-Qamar ma' Triq Mons. F. X. Mangion.
- **Triq Ġmiel il-Widien** - faċċata taċ-Ċimiterju u tieħu minn Triq Blat il-Qamar għal Triq Mons. F. X. Mangion.
- **Triq Mons. F. X. Mangion** - sewwasew fuq ir-riħ tal-wied u faċċata tiegħu, kantuniera ma' Triq Ġmiel il-Widien u ma' Triq N. Bonello.
- **Triq Gaspare Pace** - bejn Triq Ġmiel il-Widien u Triq is-Salib.
- **Triq Ġużeppi Agius** - bejn Triq Salvatore Mallia u Triq N. Bonello. Ma' nofsha tmiss Triq Ġużè Bartolo.
- **Triq Dun Anton Vella** - bejn Triq Salvatore Mallia u l-grawnd tal-futbol. Magħha jmissu Triq Ġ. Bartolo u Triq N. Bonello.
- **Triq Ġużè Bartolo** - bejn Triq Dun Anton Vella u Triq Ġ. Agius.
- **Triq Nikola Bonello** - minn Triq Dun Anton Vella sa Triq Mons. F. X. Mangion.
- **Triq il-Girgenti** - toħroġ minn Triq Blat il-Qamar u tmiss ma' Triq Wied il-Ħesri. Kienet inbdiet fil-ħamsinijiet min-naħa ta' Triq Blat il-Qamar. [16]

Mat-tnejn u għoxrin triq (u 35 sqaq) li kellu r-Raħal qabel il-gwerra, żdiedu 'l fuq minn 60 triq ġdida u friegħi ġodda oħra.

U l-iżvilupp ma waqafx ... għadu sejjer madwarna f'kull biċċa art li tista' tinbena. Fil-kampanja ta' madwar ir-Raħal, imma fiżikament maqtugħa mir-Raħal, telgħu, kmamar, irziezet u vilel ġodda li ma jidħlux fil-għan ta' din il-kitba. Kieku ma kienx il-Pjan ta' Struttura, magħruf ukoll bħala Att Numru 1 ta' l-1992 jew l-Att Dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp 1992, kieku żgur li l-bini jibqa' jibla' aktar raba'. Illum l-Awtorità ta' l-Ippjanar tikkontrolla kull żvilupp mhux biss ta' bini imma wkoll ta' kull ħaġa oħra, inkluż l-użu tiegħu jew tagħha.

Dan l-iżvilupp kbir kien il-kaġun li l-qalba tar-Raħal tagħna kienet bdiet tmut. Ħafna djar qodma tbattlu, bi preferenza għal djar ġodda u moderni. Issa għadd ġmielu minn dawn id-djar qodma nbiegħu bi prezz tajjeb, xi drabi m'ogħla s-sema, ġew rinnovati jew konvertiti u joqogħdu n-nies fihom, fosthom mhux Maltin, li għandhom għal qalbhom ħafna l-

karatteristiċi arkitettoniċi ta' dawn id-djar qodma, bħal ħnejjiet, btieħi, alkovi, mqawel bil-maxturi, eċċ. li komplew sebbħuhom bis-sengħa.

### Materjali tal-Bini Ġodda

L-iżvilupp fil-bini ġieb miegħu wkoll żvilupp kbir fil-materjali li jintużaw fil-bini. Daħlu l-brikks tal-konkrit flok il-kantun tal-franka; [17] spiċċaw darba għal dejjem ix-xorok tal-franka għas-soqfa u daħal il-konkos biż-żrar tal-qawwi, ramel u siment imħallta proporzjonatament u magħġuna flimkien bix-xibka tal-ħadid azzarjat fin-nofs jew inkella bit-ravi u x-xorok tal-konkrit *prestressed* - spiċċa tista' tgħid għal kollox il-ġir, ħlief għall-ewwel tikħila tal-fili u, forsi, għall-ewwel passata tibjid, u floku daħlu l-ġibs u materjali sintetiċi ta' żebgħa,plastik, eċċ.; flok madum komuni daħal il-*marmettone* u issa ċ-ċeramika; irħam, granit u reżin flok il-mużajk ta'dari;flok aperturi ta'l-injam ta' l-aħmar (għal barra) u ta' l-abjad (għal ġewwa) daħal dak tal-kewba, ta' l-eroko, eċċ. kif ukoll l-aluminju ta' diversi lwien; flok katużi tal-verniċ għall-ilma u d-drenaġġ daħlu dawk ta' l-asbestos u issa tal-plastik, kif daħal il-plastik fil-kanen ta' l-ilma; u ħafna u ħafna tibdil u innovazzjonijiet li x-xjenza moderna ħolqot u tat lill-ġenerazzjoni tal-lum, fil-bidu tat-tielet millennju.

It-toroq ukoll qegħdin isiru b'materjal ġdid, bit-tarmak, bħalma naraw fl-*estates* Ta' Fonzu, Ta' Kirċippu u Tal-Ħesri - materjal li meta jsir bis-sengħa huwa wisq aħjar mill-asfalt u t-trabijiet li jġib miegħu, l-aktar fit-tiswija tat-toroq li issa qiegħda ssir ukoll bit-tarmak.

### Impatt Ambjentali Negattiv

Ħtija ta' dan l-iżvilupp enormi ma' Malta kollha, ħafna mir-raba' fin-nofsinhar tas-Siġġiewi, bejn il-Wied taż-Żebbuġi, Wied Xkora u Ta' Kandja u Wied il-Ħandaq spiċċa biex tħaffer f'barrieri kbar u fondi għall-ġebla tal-franka. Aktar 'il bogħod mir-Raħal, imma fil-limiti tiegħu, insibu l-ġerħiet ġganteski daqshom tal-barrieri tal-qawwi f'Ta' Żuta li jidhru minn Malta kollha. Dawn kienu ta' impatt ambjentali negattiv ħafna għax id-dehra xejn naturali tagħhom ħassret u kerrhet l-ambjent sabiħ ta' qabel. Jalla xi darba dawn il-ħofor enormi jimtlew bl-iskart ta' ġebel tal-bini, jingħataw daqs metru ħamrija fil-wiċċ u jitħawlu bis-sigar ħalli l-ambjent jerġa' jingħata dik il-ħajja u d-dehra sabiħa li tixraqlu.

### Dehra mill-Għoli

Illum, int u tiela' lejn il-Fawwara jew lejn il-Girgenti u wisq aktar jekk titla' sa fuq Ta' l-Għolja u tixħet ħarstek lejn ir-raħal ta' taħtek: Raħal Twelidna, tintebaħ mill-ewwel kif Is-Siġġiewi, mibni fuq ħanek twil ta' art bejn żewġ widien, issa twal minn Ta' Brija fil-punent sa qrib il-Ħandaq fil-Lvant, u twessa' kif seta' minn fuq Wied il-Ħesri fit-tramuntana sa fuq Wied iż-Żebbuġi fin-nofsinhar. U l-popolazzjoni, minn tlitt elef u nofs kif kienet fi tfuliti fit-tletinijiet, qabżet is-sebat elef. [18]

**Kiber sewwa Is-Siġġiewi, ir-Raħal għażiż u maħbub fejn twelidt u għext ħajti kollha, kif miegħu nħossni li kbirt ġmieli jien ukoll! Tassew nista' ngħid: KBIRNA FLIMKIEN!**

*(L-Ewwel parti ta' "KBIRNA FLIMKIEN" dehret fil-ħarġa ta' dan il-magażin tal-festa ta' Ġunju 1996).*

---

NOTI

1. Mikiel Anġ. Sammut, ta' 46 sena.
2. Nikola Farrugia, ta' 43 sena.
3. Wenzu Cutajar (62), Ġużeppa Muscat (51), Manwel Muscat (22), Salvu Muscat (17), Maria Concetta Muscat (16), Rożanna Muscat (20), Ġużeppa Schembri (50), Ċetta Frendo, refuġjata (16), Nikolina Borg (62), Rita Cachia (13).
4. Filippu Camilleri, ta' 28 sena.


Siġġiewi
Città Ferdinand
population 7,104
local council area 18.923 Km²
geographical position 35° 51' N; 14° 26' E
LOCATION OF SIĠĠIEWI

5. Fl-1942 - l-eqqel sena tal-gwerra - il-Parlament Ingliż kien approva 10 miljun lira iżda fl-1946 għamilhom 30 miljun u żied magħhom l-imgħax ta' fuq l-10 miljuni ta' qabel. B'hekk is-somma ġiet 31 miljun lira li magħhom żdiedu miljun lira oħra mill-*Colonial Development and Welfare Fund*; b'kollox £32,000,000.
6. Kont tidħol għaliha minn passaġġ fi Triq Blat il-Qamar. Dan il-passaġġ wara sar il-garaxx numru 10 li hemm illum.
7. Dak iż-żmien is-subien u l-bniet kienu fi klassijiet separati minbarra s-sentejn ta' l-*Infants, Stage* I u II li llum huma *Year* 1 u II. Kienu żewġ skejjel separati b'Kap ta' Skola - Surmast u Sinjora - għalihom.
8. Għall-bidu (1948/49) iċ-ċens kien ta' madwar 10 soldi u nofs jew 11-il sold (4c4m jew 4c6m) il-qasba kwadra. Iżda ma damx ma sar xelin u tliet soldi (6c3m); wara sar żewġ xelini u fuqhom (10c+), erba' xelini (20c) u fis-sittinijiet tela' għal lira l-qasba kwadra! Ix-xiri ta' l-art kien ivarja - għall-ewwel kien ta' mitejn lira sa għaxar qasab fond u mitt lira aktar 'il ġewwa - dejjem b'faċċata ta' tliet qasab (Qasba = 6 piedi u 10.5 pulzieri) Imbagħad tela' għal mitejn lira l-qasba, ukoll wara għaxar qasab fond.
9. Hawn tqatta' ħafna blat illi dan kien ogħla mil-livell meħtieġ għall-bini, kemm fi Triq l-iskola kif ukoll fi Triq Ħal Niklusi li tieħu għalTriq Santa Margerita. Dan tneħħa bil-furnelli billi kien għadu ma telax wisq bini.
10. Din kienet l-ewwel triq li ffurmat minn ġo Triq il-Knisja l-Qadima għal Ta' Fonzu.
11. Qrib it-tarf t'isfel ta' din it-triq kien hemm il-post jew il-kamra tan-nar tar-Raħal.
12. Dan kien wieħed minn żewġ sqaqien magħruf b'Ta' San Pawl; issa fadal l-akbar fosthom, dak ta' wara l-knisja, bl-istatwa kbira u artistika fid-daħla tiegħu.
13. Beda jiffunzjoni f'Jannar 1993. Fl-istess triq, ftit 'l isfel minnu kien hemm il-pedestall bl-istatwa ta' San Pawl fuqu u t-Torri f'nofs l-għelieqi tal-poeta popolari Gaspare Pace. Il-ħitan tal-għorfa tiegħu minn ġewwa kienu miksijin b'sunetti ta' San Nikola u b'oħrajn milli kien jikteb Gaspare, li miet ta' 85 sena, fl-1964.
14. Għal aktar tagħrif dwar il-Qajjied, ara l-artiklu tiegħi "Miż-Żenqa sal-Qajjied" li deher fil-magażin ta' Ġunju 1995.
15. Il-bini issa tiela' ġmielu fuq il-warrani tal-Ġnien tas-Sultan, l-akbar u l-isbaħ ġnien tal-larinġ li kien hawn fir-Raħal.
16. Għall-ewwel din it-triq kienet issemmiet Triq Dr. N. Zammit. Kien żball, li wara ssewwa, billi kien hemm żewġ toroq b'dan l-isem u li ma kinux jiltaqgħu!
17. Il-ġebla tal-franka issa hija protetta bil-liġi.
18. Skond ir-Rapport Preliminari ppubblikat f'Novembru 1996 mid-Dipartiment ta' l-Istatistika wara ċ-ċensiment, il-popolazzjoni tas-Siġġiewi kienet 7079. Dan juri wkoll li mill-1985 meta l-popolazzjoni kienet 5864 sa l-1995 ir-rata perċentwali annwali ta' bidla kienet ta' +1.88.


